**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

Fl-atti tar-rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni nru. 1164/2020 fl-ismijiet:

**Mario Zammit u Maria Bugeja**

**vs**

**Silvio Scerri**

**Il-Qorti**

Regghet rat ir-rikors tal-1 ta' Settembru, 2020;

Rat id-digriet preliminari taghha ta' dakinhar stess, li bih, fost affarijiet ohra, laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament;

Rat ir-risposta li ressaq l-intimat fl-24 ta' Settembru, 2020;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum;

Premess illi l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tkun li tista tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-Mandat. Bil-ligi, jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-Mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi, u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal-hrug ta' mandat bhal dak;

Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista' jew m'ghandu jippretendi li mad-"daqqa t'ghajn" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv il-mandat.

Fil-provvediment taghha tat-18 ta` Dicembru 2009 fl-atti tar-rikors fl-ismijiet "Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija" din il-Qorti ppronunzjat ruhha hekk fuq ir-rekwizit tal-htiega ta' mandat simili: –

"*Tqis li l-htiega ghall-hrug ta' Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*"

(ara wkoll il-provvediment ta` din il-Qorti moghti fit-2 ta` Jannar, 1993 fl-atti tar-rikors ghall-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet "Borg Grech vs Gasan et noe").

Peress li fil-fehma taghha jikkonkorru r-rekwiziti tas-subartikolu (2) tal-artikolu 873 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghax il-mandat mitlub jidher li hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti ssostnu li l-intimat qed jizviluppa art proprjeta taghhom u dan minghajr il-permess u b'abbuzz tad-drittijiet taghhom. Jidher, almenu hekk hu allegat, li l-appezzament ta' art in kwistjoni kien jappartjeni b'titolu ta' proprjeta' lill-missier r-rikorrenti. Issa gia beda xoghol fuqha mill-intimat bil-hsieb li jiehu ghalih din il-bicca art. Il-hsieb tal-intimat, li jallega li huwa l-proprjetarju ta din il-bicca art, huwa li jtella xatba fil-bicca art li sservi bhala passagg u, ghalkemm, din ix-xatba tista 'l quddiem titnehha wara decisjoni fil-meritu, jibqa l-fatt li, fil-frattemp, tista ixxekkel l-uzu li qed isir mir-rikorrenti tal-pasagg.

L-intimat jirreklama titolu fuq dan il-passagg minn kuntratt pubbliku li jmur lura sal-2013, izda dan il-passagg "dahal" fil-kuntratt bis-sahha ta' att korrettorju li sar f'Awwissu tal-2020 u l-presunzjoni li taghti l-ligi ghal titolu derivat minn kuntratt pubbliku jiddghajjef meta tqies din l-ahhar cirkostanza.

Jaqbel li f'dan l-istadju s-sitwazzjoni tigi ppreservata u ma jitmiss xejn. Ghalhekk, almenu *prima facie*, ir-rikorrenti ghandhom interess li zommu lill-intimat milli jkompli bil-hsieb li jikkappara ghalih art li z-zewg partijiet jirreklamaw bhala taghhom.

Tilqa t-talba kif migjuba fir-rikors promotorju tal-1 ta' Settembru, 2020.

Spejjes bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Tonio Mallia**
**Imhallef**
**Illum, 16 ta' Ottubru, 2020.**